MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 16/2006

Carmel u Mary Anne konjugi Camilleri

Vs

Godwin Cauchi

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-21 ta’ Frar 2006. Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob id-danni ghall-incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta’ Ottubru 2003 fi Triq Marsalforn meta l-vettura tieghu Renault Laguna bin-numru AAC 201 habtet fil-parti ta’ wara tat-trukk bin-numru BHQ 027 li fil-hin tal-incident kien wieqaf fil-karreggjata li minnha kienet ghaddejja r-Renault Laguna. L-atturi jsostnu li l-htija ghal dan l-incident hu tal-konvenut in kwantu naqas milli jaccerta ruhu li l-trukk kien jidher minn distanza bizzejjed sabiex ma jkunx ta’ periklu ghall-utenti tat-triq.

Rat ir-risposta prezentata mill-konvenut (fol. 17) fejn eccepixxa li:-

1. It-talbiet tal-atturi huma preskritti skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.
2. Fil-meritu, l-incident tat-traffiku tort tal-attur minhabba traskuragni, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan.
3. Id-danni qeghdin jigu kontestati.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-kontendenti.
Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta' Ottubru 2003 ghal habta tas-7.00 ta' filghaxija. Dakinhar l-attur kien qieghed isuq Renault Laguna bin-numru AAC 201 u kien ghaddej minn Triq Marsalforn sejjer fid-direzzjoni ta' Marsalforn. Fit-triq kien hemm trukk bi trailer bin-numru BHQ 027 li kien wieqaf u minn fuqu kienu qeghdin jitnizzlu affarijiet biex jiddahhlu fil-proprjeta' ma' gemb fejn kien wieqaf it-trukk. Il-vettura tal-attur baqghet diehla fuq il-parti ta' wara tat-trukk. Jirrizulta li l-vettura Renault ma hallietx marki tal-brejk (ara pjanta tal-perit Guido Vella a fol. 53).

2. L-ewwel eccezzjoni hi li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Il-konvenut m'ghandux ragun in kwantu:-

(a) Fis-7 ta' Mejju 2004 l-attur ipprezenta ittra ufficjali (fol. 21) li giet notifikata fit-12 ta' Mejju 2004. Dan fisser li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-21 ta' Frar 2006 giet prezentata l-kawza, cjoe' meta s-sentejn kienu ghadhom ma skadewx.
(b) F'kull kaz, jidher li ghal dan il-kaz japplika l-Artikolu 2154 li jipprovdi: *"Dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom*

*jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali.".* Dan in kwantu l-Kodici Kriminali jikkontempla ghal reat fil-kaz ta' min *"....b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti"* jikkaguna offiza fuq il-persuna (Ara Artikolu 226 tal-Kap. 9).

3. Wara li l-qorti semghet il-provi, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(a) Triq Marsalforn hi arterja principali li mir-Rabat tasal sa Marsalforn. It-triq m'hijiex f'zona mibnija u l-velocita massima hi ta' 80 kilometru. Madankollu ix-xufiera ghandhom jirregolaw il-velocita' skond l-ambjent li jkunu ghaddejjin minnu, cjoe' hemm postijiet fejn il-prudenza titlob velocita' inqas;
(b) L-incident sehh bil-lejl (ghal habta tas-7.00 p.m). Ghalkemm fl-affidavit il-konvenut qal li fil-hin li sehh l-incident *"...kien ghadu ma dalamx sew"* (fol. 93), fil-kontro-ezami kkonferma li kien dalam u li kien ghalhekk li qieghed jaghmel uzu minn torc (fol. 106). Ghalkemm il-vizwali minn fejn kienet ghaddejja l-vettura tal-attur hi fit-tul, minhabba l-gholi u l-kobor tas-sigar, id-dawl li hemm f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident m'huwiex daqstant effettiv. Anzi l-parti tat-triq fejn kien wieqaf it-trukk hi pjuttost mudlama. Il-Magistrat sedenti kellu l-okkazzjoni li jghaddi kemm-il darba minn din it-triq wara li jkun dalam u ghalhekk jista' jikkonferma dan il-fatt;
(c) It-trukk wieqaf ma kellux dawl mixghul fuq wara bhala avviz, lil dawk il-vetturi sejrin fid-direzzjoni ta' Marsalforn, li hemm ostakolu perikoluz fit-triq. Fl-affidavit il-konvenut qal li *"it-trailer kellu reflectors u anki zebgha tleqq"* (fol. 92). Fl-ebda parti tal-affidavit ma jsemmi li t-trukk kellu xi dawl mixghul. Fil-kontroezami l-konvenut qal li *"Fuq wara t-trailer ma kellux dawl illi jixghel."* (fol. 105) u li hu kien fuq il-parti ta' wara tat-trukk, f'nofs it-triq, u jxejjer torc fid-direzzjoni tal-vetturi sejrin lejn Marsalforn (fol.

104[1]). Lanqas ma jirrizulta li fit-triq kien hemm xi senjaletika metri 'l boghod mit-trukk, biex iservi bhala pre-avviz li kien hemm it-trukk. Dan apparti l-konsiderazzjoni li t-trukk kien wieqaf fejn hemm sinjal ta' *bus stop* u kien qieghed jingombra l-uniku karreggjata ta' vetturi sejrin fid-direzzjoni ta' Marsalforn (ara ritratt Dok. MX11 a fol. 84). Fil-fehma tal-qorti dawn il-konsiderazzjonijiet huma fihom infushom prova *prima facie* ta' negligenza min-naha tal-konvenut;

(d) M'huwiex verosimili li l-konvenut kien f'nofs il-karreggjata jxejjer torc biex jaghti sinjal li hemm it-trukk wieqaf. Kieku kien hekk il-probabilita' hi li kien jigi mtajjar mill-vettura tal-attur. Dan apparti li Frances Azzopardi (fol. 138) u Patrick Camilleri (fol. 160) li nzertaw ghaddew mill-istess triq fejn sehh l-incident, qalu li ma raw lil hadd ixejjer torc. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument meta fil-hin li ghaddiet il-vettura tal-attur il-konvenut kien qieghed ixejjer torc bhala pre-avviz, ma tressqet l-ebda prova ta' kemm kien jitfa' dawl. Il-mod dilettantesk ta' kif kienu qeghdin isiru l-affarijiet jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Marlon Le Provst in kontro-ezami (fol. 136)[2].

(e) Kien l-obbligu tal-konvenut li qabel jiddeciedi li jostakola l-karreggjata fid-direzzjoni ta' Marsalforn (ara ritratt Dok. MX11), jizgura li fit-triq jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha li kien hemm bzonn. F'dan il-kuntest il-konvenut spjega:- *"Minn meta sehh dan l-incident pero' bdejt ninsisti illi jkolli dan il-permess inkella ma naqdihx lill-kljient. Il-permess irid igibu l-klijent. Jiena nikkonferm illi meta jkollok il-permess trid iggib zewg wardens, fit-triq trid taghmel il-cones u wkoll trid tilbes gkieket sofor biex jarawk it-traffiku. Dakinhar jiena ma kont liebes l-ebda gakketta fluorescent."* (fol. 106). Jekk hemm bzonn ma messux hatt il-merkanzija f'dak il-hin tal-gurnata. Ladarba l-konvenut ghazel li jkompli ghaddej b-xogholu, kellu

---

[1] *"Mistoqsi mill-qorti jekk kienx hemm xi dawl fuq wara tat-trailer, jiena nispjega illi jien kont fuq in-naha ta' wara tat-trailer dak il-hin tal-incident u kelli f'idejja torc."*. Il-konvenut kompla jghid: *"Fuq wara t-trailer ma kellux dawl illi jixghel. Jiena dak inhar kien kollox ta' malajr pero ma kellix xi accessorju, xi makkinarju, li stajt inqieghed fit-triq fejn kont jiena bit-torc biex naghti aviz lis-sewwieqa illi hemm ostakolu fit-triq."*.

[2] *"Nikkonferma li jiena kont qieghed attent, nisma' l-hoss tal-karrozza gejja fid-direzzjoni taghna, ninzel nigri minn fuq it-trailer, immure fuq il-parti ta' wara tat-trailer, ilkolli sinjal f'idejja u naghmel sinjal bit-torc."*.

obbligu li jizgura li l-attivita' li ried jaghmel ma kienet ser tkun ta' ebda periklu ghall-*flow of traffic* u dan billi jiehu l-mizuri kollha necessarji sabiex tigi salvagwardjata l-inkolumita tal-utenti tat-triq;

(f) Il-qorti temmen li persuna hi gustifikata li tipprezumi li fi triq principali bhal dik fejn sehh l-incident, jekk vettura tkun wieqfa fit-triq u tkun qeghda tostakola l-*flow of traffic*, fil-parti ta' wara tal-vettura ser ikun hemm sinjali (bhal dawl) adegwati biex iservu ta' avviz tal-presenza tal-oggett li qieghed jingombra l-karreggjata. Fil-fehma tal-qorti fl-eghmil tieghu il-konvenut ma wzax il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032 tal-Kodici Civili). B'daqshekk ma jfissirx li s-sewwieqa m'ghandhomx obbligu li f'kull hin izommu *proper lookout*;

(g) Kien hemm xufiera ohra ta' vetturi li nhasdu meta raw it-trukk. Hekk per ezempju Frances Azzopardi spjegat:- *"Dwal tat-trakk jiena ma rajt xejn. Kif ghidt jiena nhsad kif dort il-liwja u rajt it-trailer ma' wicci."* (fol. 138);

Il-konvenut jaghmel riferenza ghall-kuncett tal-***last opportunity***. Dan hu kuncett li kien jigi applikat mill-qrati Maltin in bazi ghall-gurisprudenza Ingliza. Wiehed mill-elementi tar-regola *"last opportunity"* kienet li ma tapplikax meta z-zewg partijiet huma negligenti meta ssir il-hsara (f'dan il-kuntest ara sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Carmel Camilleri et** deciza fil-25 ta' Gunju 1960 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[3].). Sa nofs is-seklu ghoxrin kien hemm gurisdizzjonijiet li fihom il-htija kontributorja kienet taghti lill-konvenut difiza kompleta, fis-sens li l-attur ma kellux dritt li jitlob hlas ta' danni. Ir-rejazzjoni tal-gudikatura ghall-ingustizzja li nholqot billi d-danneggat kien qieghed jigi mcahhad mid-dritt ta' hlas ta' danni wkoll fejn in-negligenza tal-konvenut hi iktar minn dik tal-attur, waslet ghall-introduzzjoni tar-regola tal-*last opportunity*. Bl-introduzzjoni ta' din ir-regola l-persuna li kellha l-ahhar opportunita' li tevita l-incident kien ikollha taghmel tajjeb ghat-telf kollu[4]. Il-kuncett ma baqax jintuza

[3] Imhallef W. Harding. Vol. XLIV.iv.928.

[4] *"When an accident happens through the combined negligence of two persons he alone is liable to the other who had the last opportunity of avoiding the*

fl-Ingilterra wara l-introduzzjoni tal-Law Reform (Contributory Negligence) Act 1945, fejn il-qrati bdew jaqsmu r-responsabbilta'. Fil-kawza **Jones vs Livox Quarries** (1952), l-imhallef Denning LJ spjega:

*"**It can now safely be asserted that the doctrine of last opportunity is obsolete**; and also that contributory negligence does not depend on the existence of a duty. But the troublesome problem of causation still remains to be solved."* (**enfazi mizjuda**).

Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn dan il-principju ghandu japplika fix-xena lokali meta l-ligi taghna tipprovdi wkoll ghall-htija kontributorja (Artikolu 1051 tal-Kodici Civili) u fejn il-qorti ghandha d-diskrezzjoni li taqsam f'liema proporzjon ir-reklamant ikkontribwixxa ghall-hsara.

Ir-ritratti a fol. 84 huma prova tal-gravita' tal-incident u jikkonfermaw kemm l-attur kien verament b'xortih li ma sofriex griehi iktar gravi jew li sahansitra tilef hajtu. L-attur ma jiftakar xejn dwar l-incident. Il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hi dritta (ara ritratti a fol. 156-159 li ttiehdu waqt l-access li sar fl-10 ta' Jannar 2008, u pjanta tal-perit Guido Vella a fol. 53.). Ghalkemm kien niezel traxxix tax-xita ma jidhirx li l-kundizzjoni tat-temp kienet ta' xkiel ghas-sewwieqa. Jirrizulta wkoll li l-vettura Renault Laguna ma hallietx sinjali ta' brejk[5]. Dan jaghti lill-qorti x'tifhem li l-attur ma ntebahx li fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej kien hemm trukk wieqaf. Hu minnu li wara inzul ix-xemx il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hi pjuttost mudlama minhabba s-sigar gholjien. Madankollu l-qorti xorta hi tal-fehma li l-attur kkontribwixxa ghall-hsara li sofra f'dan l-incident. Dan in kwantu ma rax dak li kien hemm quddiemu. Il-qorti tapprezza li bil-lejl id-distanza li jwassal id-dawl tal-vettura m'huwiex fit-tul daqs il-vizwali li sewwieq ghandu wara t-tlugh u qabel inzul ix-xemx. Madankollu l-qorti temmen li sewqan iktar bil-galbu min-

---

*accident by reasonable care."* (*Charlesworth & Percy on Negligence*, Sweet & Maxwell, Tmien Edizzjoni, R.A. Percy pagna 397.

[5] Il-perit Guido Vella rrelata li: *"Fil-post tal-incident ma gewx innotati brake jew skid marks, fuq l-ebda naha tat-triq. It-traffic lane l-iehor kien vojt u minghajr ebda ostakolu waqt l-access."* (fol. 50).

naha tal-attur, iktar u iktar meqjus li dak iz-zmien kien diga' jsofri minn *lazy eye*, kien mehtieg. L-attrici stess ikkonfermat li d-difett li kellu zewgha f'ghajnejh kienet teffetwa l-vista fil-boghod. Ghalhekk il-qorti temmen li hemm htija kontributorja min-naha tal-konvenut li qeghda tigi ffissata f'rata ta' 20%.

4. Fir-rigward tad-danni:-

(a) L-attur hu direttur tal-kumpannija Tasika Auto Limited.

(b) Fiz-zmien li sehh l-incident (29 ta' Ottubru 2003) kellu 56 sena[6]. Fil-fehma tal-qorti l-*multiplier* ghandu jkun ta' 9 snin. Ir-riperkussjonijiet tal-griehi li sofra l-attur ser jibqa' jsofrihom sakemm jibqa' haj u bla dubju ta' kuljum qieghed igarrab il-konsegwenzi. Il-kwalita' tal-hajja tal-attur giet drastikament effetwata b'rizultat ta' dan l-incident. Il-fatt li l-attur xehed li kif jaghlaq 61 sena ser jirtira mix-xoghol (seduta tal-10 ta' Jannar 2008 – fol. 162), ma jvarjax il-fehma tal-qorti.

(c) Fis-sena 2003 is-salarju tieghu minghand il-kumpannija kien ta' €15,229. Il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-konvenut li l-kalkoli ghandhom isiru fuq il-paga minima nazzjonali. Meqjus dak li xehed l-attur[7], l-awditur Alfred Falzon u d-dokumenti prezentati mill-atur fis-seduta tas-6 ta' Frar 2008, il-qorti ma tqiesx li hemm lok ghalfejn tiddubita dwar il-qliegh tal-attur li gie dikjarat.

L-attur argumenta wkoll li mid-data tal-incident in-negozju tieghu mar lura peress li l-atteggjament tieghu fuq il-post tax-xoghol inbidel. F'dawn ic-cirkostanzi jsostni li l-qliegh tieghu naqas. F'dan il-kuntest il-qorti tirrileva li n-negozju hu tal-kumpannija Tasika Auto Limited. Ghalkemm jidher li l-attur hu azzjonist maggoritarju ta' din il-kumpannija, xorta ghandha personalita guridika separata u m'hijiex parti ghal din il-kawza. F'kull kaz, fil-fehma tal-qorti ma

[6] Twieled fl-24 ta' Jannar 1947 (fol. 42).
[7] Seduta tal-10 ta' Jannar 2008 (fol. 162).

tressqux provi sodisfacenti li l-andament tan-negozju inbidel ghall-aghar minhabba l-griehi li sofra l-attur fl-incident meritu tal-kawza. Inoltre, mix-xhieda li nghatat mill-awditur tal-kumpannija (Alfred Falzon[8]) jirrizulta li filwaqt li fis-sena 2002 l-kumpannija kellha turnover ta' Lm867,123, fis-sena 2003 naqas ghal Lm311,816 (fol. 208). Fis-sena 2002 min-negozju tal-vetturi, il-kumpannija ghamlet qliegh nett ta' Lm11,879 filwaqt li fis-sena 2003 ghamlet telf ta' Lm2,256. L-incident sehh fl-ahhar ta' Ottubru 2003 u fuq bazi ta' probabilita' dan it-tnaqqis fin-negozju ma sarx fl-ahhar xahrejn tas-sena 2003. Fir-rigward tas-snin ta' wara ma nghata l-ebda taghrif dwar id-dhul finanzjarju tal-kumpannija u jirrizulta li ma sarux *audited accounts* mis-sena 2004. Il-qorti ma tifhimx kif l-attur qieghed jippretendi li l-*lucrum cessans* ghandhom jigu kalkolati fuq qliegh ta' Lm29,000 kull sena, meta ma jirrizultax li kellu dan it-tip ta' qliegh qabel sehh l-incident tat-traffiku u lanqas ma tressqu provi dwar il-qliegh tal-kumpannija mis-sena 2004 sal-lum. Ghalhekk il-qorti ser taghmel il-kakoli fuq qliegh ta' **€16,000**.

(d) Fir-rapport tal-perit mediku Dr Albert Bezzina jinghad li d-debilita' permanenti li qieghed isofri minnha l-attur f'ghajnejh hi: *"not less than 37%"* (fol. 150). Jirrizulta li fl-incident l-attur sofra hsara fl-ghajn tax-xellug; *"....the pupil does not react even to a strong light stimulus and remains fixed in a partially dilated state."* (fol. 147). Sfortunatament, qabel l-incident l-attur kellu diga' problem f'ghajnejh il-leminija; *"As a direct effect of Mr. Camilleri's overall reduced vision he is unable to read normal print, unable to drive safely and has a reduced capacity to recognize people or objects at some distance."* (fol. 149). Ir-rata stabbilita gie bazata fuq l-Ontario Rating Schedule. Meta sarulu d-domandi in eskussjoni Dr Bezzina rreveda r-rata ghal 31% (fol. 281). Hemm qbil bejn il-partijiet dwar din ir-rata ta' dizabilta'[9]. F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li din ir-rata ghandha tigi applikata fir-rigward tal-griehi li sofra l-attur f'ghajn tax-xellug.

---

[8] Seduta tas-6 ta' Frar 2008 (fol. 232).

[9] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-attur (fol. 313-314) paragrafu 40 u nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut (fol. 336).

(e) Skond ir-rapport imhejji minn Mr Norbert Vella: *“There is no doubt that this accident and its sequelae have had a psychological impact on this patient. This has been manifesting as intermittent depression, poor concentration, memory difficulties as well as unsteady gait. Although one would have to mention that the unsteady gait is also the result of his poor vision. Mr. Camilleri also has a disfiguring tender scar over his left forehead which may the evaluation of a plastic surgeon. However, there is no evidence of any significant neurological sequelae in spite of the fact that the patient had sustained under head injury resulting in a depressed skull fracture in November 2005. In conclusion Mr Camilleri has no permanent neurological impairment resulting from the August 28, 2006* (recte 29 ta’ Ottubru 2003) *incident.”* (fol. 267). Id-dizgwid ta’ bejn il-partijiet hu dwar jekk ma’ din ir-rata ghandux jizdied xi persentagg iehor minhabba r-rapporti *ex parte* li sar minn Mr Anthony Galea Debono u mill-ewwel perit mediku Mr Anthony Zrinzo (fol. 58). Irrizulta li fl-24 ta’ Novembru 2005 l-attur kien waqa’ gholi ta’ madwar 4 jew 5 metri. L-ewwel perit mediku spjega li l-ilmenti tal-attur (nuqqas fil-memorija, abilta’ fix-xoghol, bilanc, ugiegh ta’ ras) huma *“....partly due to the said accident but the second head injury sustained on November 24,2005 could have compounded these.”* (fol. 70). Ghalkemm il-perit mediku addizzjonali rrelata li l-attur m’huwiex isofri minn xi difett newrologiku, madankollu xorta jibqghu l-problemi fuq imsemmija. F’dan il-kuntest il-qorti tqies li hemm lok li l-pesentagg ta’ dizabilta’ ghandha tiehu konsiderazzjoni dawn il-problemi li l-attur qieghed ikollu jiffacca mid-data tal-incident, u dan meqjus ukoll li ma sar l-ebda accenn li l-attur m’huwiex ighid il-verita’.

Wara li l-qorti rat ir-rapporti medici tat-tobba nkarigati mill-qorti, ser tiffissa rata globali ta’ dizabilta’ ta’ 38%. Ghalhekk d-danni dovuti b’rizultat tad-dizabilta’ li sofra l-attur huma:-

**€16,000 x 9 x 38% - 14%[10] = €47,059**.

(f) **Damnum Emergens**:- L-attur qieghed ukoll jippretendi s-somma ta' €8,152 ghall-vettura Renault Laguna u cirka €465 spejjez medici (fol. 315). Dwar il-valur tal-vettura AAC201 qabel l-incident, ma tressqux provi. B'daqshekk ma jfissirx li l-qorti ma tistax tiffissa ammont fuq bazi ta' *arbitrio boni viri*. Wara li l-qorti qieset it-tip ta' vettura u r-ritratti a fol. 84 jaghtuha x'tifhem li qabel sehh l-incident il-vettura kienet ghadha f'kundizzjoni tajba, tillikwida s-somma ta' €7,000. M'hemmx dubju li spejjez ghand tobba saru (ara per ezempju ricevuta a fol. 9[11]) izda l-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' €200 sabiex taghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Spejjez kontra l-konvenut.**

**2. Tiddikjara li l-konvenut ghandu 80% tal-htija ghall-incident tat-traffiku li sehh fi Triq Marsalforn fid-29 ta' Ottubru 2003, filwaqt li l-konvenut ghandu 20%.**

**3. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' erbgha u hamsin elf mitejn u disgha u hamsin ewro (€54,259), u fir-rigward ta' liema l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal 80%.**

**4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlieta u erbghin elf erbgha mija u sebgha ewro (€43,407).**

---

[10] Tnaqqis ghal lump sum. Ghall-ewwel tlett (3) snin ma sar l-ebda tnaqqis wara li l-qorti qieset il-gurisprudenza u l-fatt ukoll li l-kawza giet prezentata fil-21 ta' Frar 2006 filwaqt li l-incident sehh fid-29 ta' Ottubru 2003.

[11] Ricevuta rilaxxata minn Dr A Galea Debono ghas-somma ta' €116.46. L-attur gie nvistat ukoll mill-oftalmologu Mr Ivan Vella li rrilaxxa certifikati medici fit-28/2/2004 u 17/8/2005 (fol. 4 u 6).

**Tordna li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu skond ir-rata ta' htija stabbilita permezz ta' din is-sentenza. Ghalkemm il-provi dwar id-danni tressqu mill-atturi wara li kien diga' gie maghluq l-istadju tal-provi taghhom u l-qorti tathom l-opportunita' li jressqu provi f'dan is-sens, m'hijiex tal-fehma li ghandha zzid l-ispejjez li ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------